MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 35/2003

Anthony Bajada bhala mandatarju tal-imsiefer Eucharistic Buhagiar .

VS

Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex .

Il-Qorti ;

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta :

Illi fl-att tat-twelid tal-attur Eucharistic Buhagiar li jgib in-numru mija u tnejn u erbghin tal-elf disa' mija u tmienja u ghoxrin (142/1928) – anness u markat dokument A – fil-parti relattiva ghat-taghrif dwar it-tarbija fil-kolonni ntestati : **Ismijiet moghtijin lit-tarbija** u **Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandhd tigi msejha,** isem l-attur jinsab registrat u jidher bhala **Eucaristico** minflok

**Eucharistic,** u fil-parti relattiva ghat-taghrif dwar missier u omm it-tarbija fil-kolonna ntestata : **Isem u Kunjom,** il-kunjom ta' ommu ta' xbubitha huwa registrat **Galea** minflok **Camilleri ;**

Illi fl-att tat-Twelid tal-Parrocca ta' Maria Bambina, Xaghra, isem l-attur jinsab registrat b'mod korrett bhala **Eucharistic** u mhux **Eucaristico,** kif jirrizulta minn kopja tac-certifikat relattiv anness u markat dokument B, kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-kunjom ta' ommu ta' xbubitha, dan ukoll jidher korrettement registrat bhala Camilleri u mhux Galea;

Illi l-isem li bih l-attur huwa maghruf u li bih huwa msejjah u li juza komunament huwa ta' **Eucharistic** u mhux **Eucaristico ;**

Illi l-attur irid li jigu kkoreguti r-registrazzjonijiet hawn fuq indikati kif riflessi erroneament fil-att tat-twelid tieghu kemm a rigward tal-isem tieghu kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-kunjom ta' ommu ta' xbubitha, liema korrezzjonijiet qeghdin jintalbu ai termini tal-artikolu 253(2)(3) tal-Kodici Civili, Kap. 16 .

Talab lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :

1. Tiddikjara li l-isem moghti lill-attur fit-twelid tieghu u l-isem li bih l-attur huwa maghruf u li huwa msejjah bih mhuwiex ta' Eucaristico izda ta' Eucharistic, u li l-kunjom ta' ommu ta' xbubitha mhuwiex Galea izda Camilleri ;

*2.* Konsegwentement a tenur tad-dispozizzjonijiet imsemmija tordna l-korrezzjonijiet relattivi fil-Att ta' Twelid tal-attur numru mija u tnejn u erbghin tal-elf disa' mija u tmienja u ghoxrin (142/1928) billi fil-parti relattiva ghat-taghrif dwar it-tarbija fil-kolonni ntestati : Ismijiet moghtijin lit-tarbija u Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha, ir-registrazzjoni relattiva tigi kkoreguta ghall-isem Eucharistic minflok Eucaristico, u fil-parti relattiva ghat-taghrif dwar missier u omm it-tarbija fil-

kolonna intestata : Isem u kunjom, il-kunjom ta' xebba ta' ommu jigi kkoregut ghal Camilleri minflok Galea .

Bl-ispejjez .

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess attur nomine konfermata bil-gurament tieghu skond il-ligi .

Rat ukoll id-dokumenti annessi ma' l-istess citazzjoni, u cioe' bhala dokument 'A' certifikat tat-twelid li jgib in-numru mija tnejn u erbghin ta' l-elf disa' mija tmienja u ghoxrin (142/1928) rigward l-attur; u bhala dokument 'B' certifikat tat-twelid tal-parrocca fejn gie mghammed l-imsemmi Eucharistic Buhagiar .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi huwa ma hux edott mill-fatti tal-kaz u ghal hekk jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti salv li l-provi migjuba mir-rikorrenti jkunu sodisfacenti u korretti skond il-ligi . Illi ghaldaqstant, l-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu sofferti interament mill-attur u f'kull kaz id-direttur ma ghandux ibati spejjez .

*2.* Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess direttur tar-Registru Pubbliku, ikkonfermata bil-gurament ta' Dr. Marlin Vella .

Semghet lill-attur nomine jikkonferma d-dikjarazzjoni tieghu annessa ma' din ic-citazzjoni .

Rat ukoll in-nota ta' l-istess attur nomine pprezentata llum li permezz taghha gie esebit bhala dokument AB 1, certifikat tat-twelid ta' Eucharistic Buhagiar, li jgib in-numru mija tnejn u erbghin ta' l-elf disa' mija tmienja u ghoxrin (142/1928); u bhala dokument AB 2, certifikat taz-zwieg tal-genituri tieghu, f'liema certifikat il-kunjom ta'

ommu bhala xebba kien Camilleri u dan ic-certifikat huwa indikat b'mod korrett, u l-istess isem qed jigi rifless fl-att tat-twelid ta' l-attur fejn isem kunjom ta' ommu xebba huwa indikat b'mod zbaljat bhala Galea .

Il-Qorti ghal hekk u peress illi jidhrilha li t-talbiet attrici huma gustifikati, tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-istess talbiet attrici u,

*1.* Tiddikjara li l-isem moghti lill-attur fit-twelid tieghu u l-isem li bih huwa maghruf u li huwa msejjah bih ma huwiex Eucaristico, izda Eucharistic, u li l-kunjom ta' ommu ta' xbubitha ma huwiex Galea izda Camilleri .
*2.* Konsegwentement a tenur tad-dispozizzjonijiet imsemmija tal-ligi, tordna l-korrezzjonijiet relattivi fil-Att ta' Twelid tal-attur numru mija u tnejn u erbghin tal-elf disa' mija u tmienja u ghoxrin (142/1928) billi fil-parti relattiva ghat-taghrif dwar it-tarbija fil-kolonni ntestati : Ismijiet moghtijin lit-tarbija u Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha, ir-registrazzjoni relattiva tigi kkoreguta ghall-isem Eucharistic minflok Eucaristico, u fil-parti relattiva ghat-taghrif dwar missier u omm it-tarbija fil-kolonna intestata : Isem u kunjom, il-kunjom ta' xebba ta' ommu jigi kkoregut ghal Camilleri minflok Galea .

Minhabba n-natura ta' din il-kawza ma ghandux ikun hemm spejjez .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------